# KODIĊI TA' ETIKA

# GĦALL-IMPJEGATI

# FIS-SETTUR PUBBLIKU

UFFIĊĊJU TAL-KABINETT
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA

OTTUBRU 1994

# KONTENUT

**Paġna**

Daħla iii

Interpretazzjoni ........................................ 1

A. Introduzzjoni għal dan il-Kodiċi …………………………… 3

B. Il-Valuri bażiċi ta' dan il-Kodiċi 5

Ċ. Prinċipji ………………………… 6

D. Konflitti ta' Interess ……………… 7

E. Aċċettazzjoni ta' Rigali jew Benefiċċji ……..………………… 9

F. Imġiba Personali u Professjonali ………………………………... 10

G. Trattament Xieraq u Ġust ………... 13

H. Il-Kummenti fil-Pubbliku u l-Użu ta' Informazzjoni Uffiċjail ………………………………... 14

I. Użu ta' Faċilitajiet u Apparat Uffiċjali ………………………… 16

J. Impjieg Barra mid-Dmirijiet Uffiċjali u Tmiem ta' l-Impjieg …………………………… 17

K. Sehem fil-Politika ………………. 18

L. Sanzjonijiet ……………………… 19

Appendiċi …………………………………21

# DAĦLA

*Il-Gvern tiegħi huwa impenjat li jdaħħal riformi fis-settur pubbliku biex ikun jista' jaghti l-aħjar servizzi possibbli liċ-ċittadini tagħna. Fl-istess ħin il-Gvern qed jieħu inizzjattivi oħra biex jippromovi u jipproteġi l-valuri bażiċi li jispiraw fiduċja fl-integrità ta´ uffiċjali pubbliċi.*

*Il-pubblikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Etika għal Impjegati fis-Settur Pubbliku, li kien ippreparat minn Kummissjoni ad hoc u approvat mill-Gvern, hija parti essenzjali minn dan il-proċess. Dan il-Kodiċi jikkumplimenta Kodiċi oħra; flimkien jipprovdu qafas ta' "standards" għal imġiba korretta kif mistennija minn persuni li jservu f'diversi oqsma tal-ħajja pubblika. B'dana kollu, il Kodiċi jagħti biss id-direzzjoni; għassa stretta imposta minn persuna fuqha nnifisha hija meħtieġa biex jintlaħqu l-ogħla "standards" ta' etika.*

*Fil-każ tas-servizz pubbliku jiena fiduċjuż illi t-tradizzjoni twila ta' mġiba korretta ser isservi ta' kuraġġ għall-uffiċjali pubbliċi tal-lum biex jirsistu ħa jilħqu "standards" ogħla ta' etika. Bla dubju, l-istess impenn ser issir ukoll mill-impjegati l-oħra fil-qasam usa tas-settur pubbliku li għalihom japplika wkoll dan il-Kodiċi.*

*Għalhekk waqt li qed nintroduċi dan il-Kodiċi ta' Etika, jiena nħeġġeġ lill-impjegati kollha tas-settur pubbliku, hu liema hu l-grad u l-qasam li jservu fih, biex jagħmlu bħala mira tagħhom l-ogħla "standards" ta' mġiba korretta li biha l-pubbliku jkun kburi.*

*Eddie Fenech Adami*
*Prim Ministru*
*31 ta' Ottubru 1994*

# KODIĊI TA' ETIKA GĦALL-IMPJEGATI FIS-SETTUR PUBBLIKU

## Interpretazzjoni

*Għall-iskop ta' dan id-dokument, il-kliem "uffiċjal pubbliku" huwa intenzjonat li jinkludu ħaddiema nisa u rġiel, full-time, każwali u part-time li huma mpjegati direttament mal-Gvern, kemm b'kuntratt definit kif ukoll indefinit, jew li qegħdin sekondati/mislufa mal-Gvern u mal-Kunsilli Lokali, kif ukoll lil dawk li huma mpjegati ma' korporazzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi u ma' kumpanniji kummerċjali fejn il-Gvern għandu l-maġġoranza ta' l-ishma, u li huma nvoluti direttament f'funzjoni ta' sevizz pubbliku.*

*Lista ta' organizzazzjonijiet li għalihom japplika dan il-Kodiċi tidher bħala Appendiċi. Meta titwaqqaf organizzazzjoni ġdida, il-Gvern jiddeċiedi jekk il-funzjoni tagħha taqax taħt din id-definizzjoni u ghalhekk jekk dan il-Kodiċi għandux japplika għall-impjegati tagħha*

*Il-Kodiċi ta' Etika japplika għall-uffiċjali pubbliċi kollha, indipendentement mill-grad li għandhom fl-organizzazzjoni. Il-Kodiċi huwa intiż li jikkuplimenta l-Kodiċi tal-Ministri u tad-Diretturi ta' Bordijiet fis-Settur Pubbliku.*

*Il-kliem "uffiċjal" u "uffiċjal pubbliku" għandhom jittieħdu li japplikaw kemm għall-ġens maskil kif ukoll għall-ġens femminil.*

## A. Intoduzzjoni għal dan il-Kodiċi

1. Il-pubbliku Malti għandu dritt jesiġi li x-xogħol fis-settur pubbliku jitwettaq b'effiċjenza, bl-aqwa mod, bil-fier, b'imparzjalità u b'integrità.

2. L-impjieg fis-settur pubbliku jġorr miegħu obbligazzjoni unika lejn l-interess tal-pubbliku u din titlob li l-impjegati li jaħdmu f'dan is-settur jilħqu *standards* ta' mġiba professjonali li bihom jiksbu l-fiduċja tal-pubbliku.

3. Fl-istess waqt, l-uffiċjali pubbliċi m'għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet bla bżonn meta jieħdu sehem f'attivitajiet privati sempliċement għax huma mpjegati ta' l-Istat.

4. Kodiċi ta' Etika jistabbilixxi *standards* ta' mġiba korretta mistennija mill-uffiċjali pubbliċi u jservi bħala gwida biex isolvi kwistjonijiet ta' etika għal dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku. Fil-waqt li m'hemmx sett ta' regoli li jistgħu jipprovdu tweġiba għal kull kwistjoni ta' etika li tista' tinqala', kodiċi jipprovdi qafas għal *standards* xierqa ta' mġiba f'kuntesti varji.

5. Numru ta' obbligazzjonijiet u *standards* li jidhru f'dan il-Kodici jinsabu wkoll fil-liġijiet. L-uffiċjali għandhom ikunu konxji li, f'certi każi, il-ksur ta' *standards* jista' jammonta wkoll għal offiża kriminali, waqt li f'oħrajn jista' jammonta għal ksur gravi ta' dixxiplina, b'possibbiltà ta' tkeċċija.

6. Il-Kodiċi jikkumplimenta l-liġijiet u r-regolamenti eżistenti, u l-osservanza ta' dan il-Kodiċi minn uffiċjali pubbliċi ma għandhiex titqies li qed jeżonerhom mill-obligi li jista' jkollhom taħt liġijiet u regolamenti eżistenti.

7. L-uffiċjali pubbliċi għandhom ikunu jafu sew x'inhuma r-responsabbiltajiet marbuta max-xogħol tagħhom u għandhom ikunu konxji li sanzjonijiet jiġu applikati kontra tagħhom f'każ li l-Kodiċi ma' jiġix irrispettat.

8. Organizzazzjonijiet jistgħu jiżviluppaw *standards* speċifiċi ta' kondotta li jolqtu ċ-ċirkustanzi speċjali tagħhom. Dawn l-*istandards* għandhom ikunu konsistenti ma' dawk elenkati hawnhekk u għandhom jittrattaw suġġetti li jmorru lil hinn minn dawk li hawn f'dan id-dokument.

9. Organizzazzjonijiet jistgħu jħossu l-ħtieġa li jitrattaw materji bħal:

- sigurtà - ħtiġijiet partikulari;
- mġiba u regolamenti dwar ilbies – jekk ikun hemm ħtieġa partikulari għal dawn;
- il-mod ta' kif wieħed iġib ruħu ma' klijenti – fejn tiġi speċifikata x'imġiba għandha tkun ipprojbita jew inkoraġġita; u
- sanzjonijiet dixxiplinarji.

## B. Il-Valuri bażiċi ta' dan il-Kodiċi

10. Il-Kodiċi ta' Etika huwa mibni fuq numru ta' valuri li jirrikjedu li uffiċjali pubbliċi għandhom iġibu ruħhom b':

- integrità
- onestà
- lealtà lejn l-interess tal-pubbliku
- *fairness*
- sens ta' responsabbiltà ghal dak li huwa sew
- mogħdrija

## Ċ. Prinċipji

11. Dan il-Kodiċi ta’ Etika huwa mfassal f’qafas ta’ prinċipji li huma fundamentali għal kif wieħed għandu jġib ruħu. Dawn ġew identifikati għas-settur pubbliku bħala:

- Fiduċja tal-Pubbliku

  Il-pubbliku għandu dritt jistenna li organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku jkunu ta’ l-għola integritá u kompetenza li jittrattaw iċ-ċittadini kollha bil-fier, raġunevolment, indaqs u malajr.

- Responsabbiltà lejn il-Gvern tal-ġurnata

  Il-Gvern tal-ġurnata hu intitolat jistenna mill-uffiċjali pubbliċi li jagħtu parir imparzjali u eżatt, u li jwettqu l-*policies* tiegħu fil-pront, b’effiċjenza u b’effettività.

- Id-drittijiet ta’ l-Uffiċjali Pubbliċi

  Id-drittijiet ta’ l-uffiċjali pubbliċi huma dawk normali ta’ mpjegati, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti.

## D. Konflitti ta' Interess

12. Konflitt ta' interess jista' jiġi definit bħala sitwazzjoni fejn uffiċjal pubbliku jkollu suffiċjentament interess privat jew personali li jinfluwenza, jew jidher li jista' jinfluwenza, dak li oġġettivament mistenni jagħmel fil-qadi ta' dmirijietu.

13. Uffiċjali pubbliċi għandhom jevitaw kull interess finanzjarju jew ta' natura oħra kif ukoll kull attività oħra li tista', direttament jew indirettament, tikkomprometti l-qadi ta' dmirijiethom.

14. F'ħafna każi, l-uffiċjal ikkonċernat biss jista' jkun jaf bil-potenzjal ta' konflitt. Għalhekk huwa d-dmir ta' l-uffiċjal li jgħarraf lis-superjuri tiegħu jew tagħha kemm-il darba jkun hemm potenzjalment jew realment, konflitt ta' interess.

15. Dan it-taghrif għandu jinkludi notifikazzjoni ta' l-interessi kollha rilevanti, sew dawk personali, finanzjarji, ta' negozju u interessi oħra, partikularment:

- kull direttorat, sħubija f'soċjetajiet jew kumpanniji kummerċjali, aġenziji jew kontroll ta' ishma;

- kull interess li jista' jkollu f'attività jew negozju li fihom hija mdaħħla jew li magħhom ikollha x'taqsam l-organizzazzjoni fejn huwa jaħdem; u

- kull interess li jista' jkollu f'oġġetti jew f'servizzi rakkomandati jew ipprovduti lill-organizzazzjoni fejn huwa jaħdem.

16. L-uffiċjali pubbliċi għandhom jgħarrfu bil-miktub lill-kap ta' l-organizzazzjoni fi żmien ġimgħa minn meta tinħoloq xi sitwazzjoni msemmija hawn fuq, jiġifieri, hekk kif jidħlu fl-impjieg tagħhom, jew hekk kif ikollhom xi bidla fid-dmirijiet tagħhom jew jekk ikun hemm xi bidla fiċ-ċirkustanzi.

## E. Aċċettazzjoni ta’ Rigali jew Benefiċċji

17. L-ebda uffiċjal pubbliku ma għandu jaċċetta rigal jew benefiċċju jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi, jista’ jiġi interpretat li dan jew kien intiz, jew seta’ jinfluwenza lill-uffiċjal biex jagħmel id-dmirijiet tiegħu b’ċertu mod, jew li x-xogħol ma jsirx kif suppost.

18. Bħala regola ġenerali tista’ tiġi stabbilita linja fejn rigal jista’ jiġi kkunsidrat minn oħrajn bħala lixka jew kumpens li jista’ jpoġġi uffiċjal taħt obbligu.

19. Rigal jista’ jiġi interpretat bħala lixka jew kumpens sempliċement mill-valur intrinsiku tiegħu u għalhekk rigali ta’ valur nominali biss jistgħu jiġu aċċettati.

20. Dan il-prinċipju japplika mhux biss għall-uffiċjali pubbliċi iżda wkoll għall-familji jew is-sħab tagħhom.

## F. Imġiba Personali u Professjonali

21. Uffiċjali pubbliċi għandhom jaqdu d-dmirijiet kollha li jmorru mal-kariga tagħhom mill-aħjar li jistgħu, bir-reqqa, b'imparzjalità u b'kuxjenza.

22. Fil-qadi ta' dmirijiethom, l-uffiċjali pubbliċi għandhom:

- iżommu ruħhom aġġornati ma l-avvanz u tibdil li jkun qed isir fil-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom
- josservaw dak kollu li jitolbu minnhom il-provvedimenti leġislattivi, industrijali u amministratitivi rilevanti
- jużaw kortesija mal–membri tal-pubbliku u mal-membri l-oħra ta l-istaff, u jagħtu każ tad-drittijiet tagħhom
- jipprovdu kull għajnuna meħtieġa u xierqa lill-membri tal-pubbliku
- iżommu dokumentazzjoni adegwata biex isaħħu kull deċiżjoni li tittieħed
- jagħmlu ħilithom biex jiksbu l-aħjar siwi fl-infiq ta' fondi pubbliċi u jevitaw ħela u nfiq żejjed fl-użu ta' riżorsi pubbliċi
- ma jieħdux, u lanqas ma jippruvaw jieħdu, vantaġġ li mhux suppost minn x'informazzjoni uffiċjali li tista' tiġi għandhom fil-kors ta l-impjieg tagħhom

- ma jagħtux apposta nformazzjoni mhux korretta jew li tista' tiżvija
- ma jimxux bil-favuri jew bin-neputiżmu
- ma jippruvawx jidhru sbieħ mal-Ministru/Superjuri tagħhom billi jonqsu milli jagħtu pariri oġġettivi u imparzjali.

23. F'kull ħin l-imġiba ta' uffiċjal pubbliku għandha tkun tali li ma titfax dell ikrah fuq il-pożizzjoni tiegħu jew tagħha u li ma tirriflettix ħazin fuq is-servizz pubbliku.

24. L-Uffiċjali pubbliċi huma mistennija li jagħtu appoġġ sħih lill-Gvern tal-ġurnata, indipendentement mill-partit jew partit politiċi li jkunu fil-Gvern. Meta jimplimentaw *policy* tal-Gvern, il-valuri u t-twemmin ta' l-uffiċjali pubbliċi m'għandhomx jieħdu preċedenza fuq dawk impliċiti jew espliċiti fil-*policy* tal-Gvern.

25. Meta jsibu ruħhom f'sitwazzjoni li jkollhom jimplimentaw *policy* li ma jaqblux magħha, uffiċjali pubbliċi għandhom, skond in-natura tas-suġġett, jiddiskutu l-materja ma' superjur li jkun addattat, biex isolvuha.

26. Uffiċjali pubbliċi m'ghandhomx waqt ix-xogħol idejqu jew jiddiskriminaw ma' sħabhom, jew ma' membri tal-pubbliku minħabba sess, stat matrimonjali, tqala, età, razza, kulur, nazzjonalità, diżabilità fiżika jew mentali, preferenzi sesswali jew konvinzjonijiet/lealtajiet reliġjużi, politiċi jew ta' xort' oħra.

27. Uffiċjali pubbliċi għandhom id-dmir li jirrapurtaw għand uffiċjal anzjan kull imġiba ħazina jew etikament skorretta ta' uffiċjal pubbliku ieħor jew oħra waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha.

## G. Trattament Xieraq u Ġust

28. Suġġetti u każijiet li jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati minn uffiċjali pubbliċi għandhom jiġu ttrattati b'konsistenza, malajr u bil-fier. Dan ifisser li kull suġġett u kull każ għandu jiġi ttrattat skond il-proċeduri approvati, mingħajr ma ssir diskriminazzjoni fuq xi bażi. Hemm obbligu li kull materja tkun ittrattata raġonevolment bl-iskop li jintlaħqu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

29. Meta jużaw poteri diskrezzjonali, uffiċjali pubbliċi għandhom jaċċertaw ruħhom li jkunu kkunsidraw il-fatti kollha rilevanti u l-meriti partikulari ta' kull każ.

## H. Il-Kummenti fil-Pubbliku u l-Użu ta' Informazzjoni Uffiċjali

30. Kumment pubbliku jinkludi dak li jingħad f'xi okkażżjoni pubblika, kummenti fuq ir-radju u t-televiżjoni, kif ukoll meta xi ħadd jesprimi l-ideat tiegħu jew tagħha f'ittri lill-gazzetti, jew f'kotba, ġurnali jew avviżi jew meta jistenna li l-pubblikazzjoni jew iċ-ċirkolazzjoni tal-kumment ser jinxtered għand in-nies fil-komunità.

31. Fil-waqt li uffiċjali pubbliċi bħala membri tal-komunità, għandhom id-dritt li jagħmlu kummenti fil-pubbliku u li jieħdu sehem f'dibattiti pubbliċi dwar suġġetti politiċi, amministrattivi u soċjali hemm ċerti ċirkustanzi fejn kummenti fil-pubbliku ma jkunux xierqa. Dawn jinkludu:-

- l-implikazzjoni li kumment personali jista' jiġi b'xi mod ikkunsidrat bħala kumment uffiċjali tal-Gvern jew ta' l-organizzazzjoni fejn jaħdem l-uffiċjal pubbliku

- meta l-kumment pubbliku, kemm jekk ikollu u kemm jekk ma jkollux x'jaqsam mad-dmirijiet normali ta' uffiċjal pubbliku, jammonta għal kritika ħarxa jew persistenti biżżejjed li tista' tiftiehem mill-pubbliku li l-uffiċjal mhux lest li jimplimenta jew jamministra l-*policies* tal-Gvern tal-ġurnata safejn dawn għandhom x'jaqsmu mad-dmirijiet tiegħu jew tagħha.

32. Uffiċjali pubbliċi għandhom biss jiżvelaw informazzjoni uffiċjali jew dokumenti li jkunu ġew f'idejhom tul l-impjieg tagħhom, jew meta jkun hemm bżonn li jagħmlu dan bil-liġi, jew fil-qadi ta' dmirijiethom, jew meta tingħata awtorizzazzjoni kif suppost.

33. F'każijiet bħal dawn, kummenti magħmula minn uffiċjali pubbliċi għandhom ikunu limitati għal informazzjoni fattwali u m'għandhomx jesprimu opinjoni dwar *policy* uffiċjali jew xi tfisser fil-prattika.

## I. **Użu ta’ Faċilitajiet u Apparat Uffiċjali**

34. Huwa mistenni li uffiċjali pubbliċi jkunu:

- effiċjenti u ekonomiċi fl-użu u fl-amministrazzjoni tar-riżorsi pubbliċi
- skruplużi fl-uzu li huma jagħmlu minn proprjetà u servizzi pubbliċi u ma jippermettux l-abbuż tagħhom minn oħrajn.

35. Faċilitajiet u apparat uffiċjali jkunu jistgħu jintużaw għal skopijiet privati jekk kemm-il darba jkun ingħata permess uffiċjali.

## J. Imjieg Barra mid-Dmirijiet Uffiċjali u Tmiem ta' Impjieg

36. L-approvazzjoni minn qabel tas-Segretarju Pemanenti tal-Ministeru konċernat jew taċ-*Chairman*/l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni hija meħtieġa qabel ma uffiċjali pubbliċi jkunu jistgħu jidħlu f'xi negozju jew impjieg barra mid-dmirijiet uffiċjali tagħhom.

37. F'kull każ, meta jkun qed jiġi kkunsidrat impjieg ieħor barrani wara x-xogħol, l-uffiċjali pubbliċi għandhom jagħtu l-ewwel kunsiderazzjoni lill-impjieg tagħhom fis-settur pubbliku u jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal konflitt ta' interess, jew għal dak li jidher li jkun hekk. Partikolarment, għandhom jikkunsidraw jekk ma' minn ser jaħdmu privatament għandux, jew hux ser jidħol, f'relazzjoni kuntrattwali mal-Gvern jew ma' l-organizzazzjoni fejn huma jaħdmu; għandhom jagħtu każ jekk ma' min ser jaħdmu hux qed ifittex prinċipalment li jkollu appoġġ minn organizzazzjonijiet Governattivi jew Membri Parlamentari, jew jekk hemmx relazzjoni regulatorja tal-Gvern ma' min ser jaħdmu.

38. Uffiċjali pubbliċi li jkunu spiċċaw minn mas-servizz għandhom jiżguraw li ma jaċċettawx impjieg jew jieħdu sehem f'attivitajiet li jistgħu jitfgħu dell fuq l-integrità tagħhom jew fuq dik ta' l-organizzazzjoni li magħha kienu qabel impjegati jew fuq dik tas-Servizz Pubbliku in ġenerali.

## K. Sehem fil-Politika

39. Uffiċjali pubbliċi jridu jiżguraw li l-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet politiċi ma toħolqilhomx konflitt mad-dmir ewlieni tagħhom li jservu l-Gvern tal-ġurnata. Dan hu mportanti biex tinżamm il-fiduċja Ministerjali u tal-pubbliku fl-imparzjalità tal-pariri li jingħataw, u fl-azzjonijiet meħuda mill-uffiċjali pubbliċi.

40. Biex jiddetermina x'inhu xieraq li wieħed jagħmel f'każ partikolari jiddependi mill-limitu sa' fejn twassal il-parteċipazzjoni ta' l-individwu, in-natura tal-kwistjoni, x'pożizzjoni jokkupa l-individwu u mir-regolamenti eżistenti fl-organizzazzjoni konċernata.

41. Jekk uffiċjali pubbliċi jindunaw li nħoloq, jew li jista' jinħoloq, konflitt potenzjali, kemm jekk ikun reali u kemm jekk jidher li jista' jkun reali, huma għandhom immedjatament jinformaw lill-Kap ta' l-organizzazzjoni tagħhom.

42. Jekk fil-fatt jinħoloq konflitt ta' interess, l-uffiċjali pubbliċi jista' jkollhom itemmu s-sehem tagħhom fl-attività politika jew inkella jirtiraw minn dawk l-oqsma tad-dmirijeit tagħhom li jagħtu lok għall-konflitt ta' interess.

## L. Sanzjonijiet

43. Sanzjonijiet jistgħu jiġu applikati jekk uffiċjali pubbliċi jkunu mdaħħla fi ksur ta’ dan il-Kodiċi ta’ Etika.

44. Is-sanzjonijiet applikati jiddependu mill-gravità u n-natura tal-ksur tal-Kodiċi u jistgħu jagħtu lok għal azzjoni dixxiplinarja formali u/jew azzjoni kriminali skond kif ikun applikabbli.

45. Fejn ikun xieraq, jistgħu jingħataw ukoll pariri minn *supervisor* jew minn xi membru anzjan ta’l-istaff.

# APPENDIĊI

**Lista ta' Organizzazzjonijiet li għalihom japplika dan il-Kodiċi ta' Etika**

---

Il-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern

Awtorità tad-Djar
Awtorità ta' l-Ippjanar
Awtorità Marittima ta' Malta
Awtorità Dwar it-Transport Pubbliku
Awtorita' tax-Xandir
Bank Ċentrali ta' Malta
Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta
Dar il-Mediterran għall-Konferenzi
Hotels and Catering Establishments Board
Korporazzjoni Enemalta
Korporazzjoni Dwar Impjieg u Taħrig
Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma
Korporazzjoni Telemalta
Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta
Kummissjoni Elettorali
Kummissjoni dwar l-Impjiegi
Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku
Malta Export Trade Corporation Ltd
Malta Freeport Corporation Ltd
Malta Government Investments Co Ltd
Malta International Airport Co Ltd
Malta Investment Management Co Ltd
Management Systems Unit Ltd
Master Antenna Co Ltd
Mediterranean Oilfield Services Co Ltd
Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu
Public Broadcasting Services Co Ltd
Teatru Manoel